Brown

L-EWWEL KTIEB — MARZU
IS-SEBGHA U TLETIN SENA — 1961

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG
*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*
KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GHADD

Editorjal — Konna Aħjar Meta Kònna Agħar? ... ... facċ. 3

Gużè Chetcuti — *Il-Hajja u Jien* ... ... ... ... ... ,, 7
Gużè Chetcuti — *Fil-Palk tal-Hajja* ... ... ... ... ,, 7

Dun Karm Farrugia, D.D., B.L. Can.
— *Għaliex Tħobbni, Gesù Tiegħi?* ... ... ... ... ,, 8

Albert Cassola, F.I.L. — Komment u Apprezzament
tal-Poeżija "Metamorfosi" ta' Rużar Briffa ... ... ,, 9

K. Vassallo — *Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Gużepp Abela* ... ... ... ,, 13

Gużè Borg Pantallaresco, P.L. — *Il-Milied it-Tajjeb* ... ,, 14

Mons. Anton Gauci, D.D., J.C.D., J.U.B.
Mons. Lwiġi Vella ... ... ... ... ... ,, 15

P. Valentin V. Barbara, O.P. — *Met'Inti Tmutli* ... ... ,, 17

Karmenu Mallia — Bla Mitmum — *Bla Mitmum* ... ... ,, 18

Joseph L. Pace — Baqa' f'Wiċċhom ... ... ... ... ,, 19

Patri A. M. Previ, O.P. — *Midneb* ... ... ... ,, 22

Editur — Kronaka tal-Ghaqda ... ... ... ... ,, 23
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ,, 28

DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.H.S.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, D.Lit.
53, Triq Wara S. Ubaldeska, Paula

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

# IL-MALTI

# QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IS-SEBGHA U TLETIN SENA

1961

---

STAMPERIJA TAD-DAR TA' SAN GUZEPP,
HAMRUN

## IL-HAJJA U JIEN

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Hajja! ħabbejtek das-snin kollha
u jien u int għexna ħafna flimkien,
għaddejna t-tnejn minn qalb il-ġonna mwarrda,
minn ġo l-irdumijiet u mill-widien.
Fil-ferħ u l-paċi ta' tfulija,
għaddejna niġru t-tnejn id f'id,
u meta feġġet iż-żgħużija, skirna
bit-tazza tal-pjaċir u ta' l-inbid.
Bqajna' dejjem bħal ħbieb l-iktar ta' ġewwa,
għalkemm minn fuqna għadda ż-żmien maħrub,
sibna fit-triq l-għolliq wix-xewk li jwaġġa'
'ma sibna wkoll il-ward l-iżjed maħbub.
Hajja! ħabbejtek wisq u nibqa' nħobbok,
ma nafx kif qatt għad irid jiġi żmien
li jien u int ninfirdu — meta mbagħad jasal
naqbad it-triq li twassal għali-ħelsien.

## FIL-PALK TAL-HAJJA

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Il-ġieh u l-għana bħal fjur sabiħ
Xħin jiġu għandek, jgħibu mar-riħ.

Għax f'din id-dinja wieqaf m'hawn xejn,
Bħal rota miexja bin-nhar, bil-lejl.

Kollox bil-kalma bħal sienja jdur,
Kull ħin jiċċaqlaq, jiġi u jmur.

Wara t-tgawdija jitfaċċa l-ġlied,
Kull m'hawn madwarna, isir irmied.

Ġol-palk tal-ħajja, qabda mwerwrin,
Qishom fantażmi jiġru l-bnedmin.

# GĦALIEX TĦOBBNI, ĠESU' TIEGĦI?

*Ta'* DUN KARM FARRUGIA

Għaliex tħobbni, Ġesù tiegħi?
X'tara fija hekk sabiħ?
X'tajtek jien li mhux minn tiegħek
Jew għamilt li żiedlek ġieh?

**Rit.** U minn fuq (oh! x'ġenn kien tiegħi)
Mingħajr qalb kasbartek jien.
O Ġesù agħtini nibki
Dil-kefrija bla qisien.

B'dik l-imħabba li hi ta' dejjem
Int sejjaħtli mal-ħajjin,
Żejjint ruħi b'dehen u rieda
L'huma l-għaxqa tal-bnedmin.

Biex b'kull ġid lili tfawwarni
Ħlaqt bla qies għeġubijiet;
Tajtni s-setgħa fuq kull ħliqa
Bħal sultan wara r-rebħiet.

Tajtni l-jedd għall-vera ħajja,
Dik il-ħajja li hi bla tmiem,
Fejn int tkun il-ħlas kbir tiegħi
Bl-aqwa ġid u l-oħla sliem.

Meta mħabba d-dnub tan-nisel
Kont fix-xifer tat-telfien,
Int, Mulej, sirt xejn għalija,
B'mewtek jien ħadt il-ħelsien.

Sabex żgur sa l-aħħar tħobbni,
Ridt tagħtini kulma stajt,
Tajtni nnifsek, b'laħmek, b'demmek,
Ħobż u nbid ta' ruħi sfajt.

# KOMMENT U APPREZZAMENT TAL-POEZIJA "METAMORFOSI" TA' RUZAR BRIFFA

*Ta'* Albert M. Cassola, F.I.L.

FEJN il-lum tinsab dik it-triq kbira, wiesgħa, sabiħa, li titlaq minn Kastilja, timxi mal-ġonna tal-Kalkara, titawwal għal fuq il-Port il-Kbir u twassal ġol-Furjana ħdejn il-Monument tal-Gwerra u qrib il-fosos tal-qamħ quddiem il-Knisja ta' San Publju, kien hemm, fuq l-għoxrin sena ilu, sûr għoli u twil li jaqta' għal kollox il-Furjana mill-Belt. Man-naħa ta' ġewwa tas-sûr, quddiem il-famuża Auberge, kien jinfirex għadd ieħor ta' fosos tal-qamħ u fuq dawn il-fosos kienu jmorru jilagħbu dawk it-tfal ċkejknin li ma kinux ilaħħqu ma' tfal oħra ikbar minn-hom li kienu jilħqu qabilhom u jżommu bis-saħħa l-aħjar postijiet għal-logħob fil-Barrakka.

Dawk it-tfal li kienu l-iżjed fuq ruħhom, imqarqċin, itajru n-nar, kont tarahom ixejru d-daqqiet ta' sieq lil xi ballun taċ-ċarruta, jilagħbu bid-daqqa, jiġġieldu bil-ġebel. Oħrajn, aktar ġwejdin u bil-għaqal, kont tarahom jiġru, indaf xummiema, wiċċhom aħmar, għajnejhom iberrqu, wara xi farfett imlewwen, qisho m irdu, minn ċkunithom, jaqbdu l-ħolma ta' moħħhom, ħolma li ma jasluqatt biex jaħkmu jew li traku taħarbilhom minn idejhom bil-ġwienaħ ħfief tagħha.

Fost dawk it-tfal irżina, kien imur jitliegħeb f'dik il-wesgħa ta' quddiem Kastilja tfajjel ħlejju; tfajjel li huwa wkoll kien imur igħaddi siegħa żmien bħat-tfal l-oħra sħabu, iżda tfajjel li għalkemm ikompli ma' ħbiebu, waqtiet jitbiegħed minnhom, jitlaqhom, imur waħdu ġo rokna, iħares u josserva, iqis u jitħasseb.

Dak it-tfajjel kien twieled poeta. U jekk l-imġieba tal-poeta, sa minn tfulitu, tista' tkun soċjevoli, ir-ruħ tal-poeta, sa minn tfulitu, ma tistax ma tkunx ftit jew wisq għafsija.

Dak it-tfajjel, li 'l quddiem, student, waqqaf flimkien ma' sieħbu Ġużè Bonnici l-Għaqda tal-Malti fl-Alma Mater, u li

mbagħad kiseb il-B.Sc. u baqa' sa ma sar tabib u laħaq speċjalista, dak t-tfajjel ħlejju huwa l-lum poeta liriku stabbilit u mfaħħar.

L-istudenti tar-Raba' Klassijiet ta' l-Iskejjel Sekondarji dissena għandhom ix-xorti jistudjaw poeżija ta' Briffa jisimha *Lil Ommi*: poeżija sempliċi li biha l-poeta jiftakar fiż-żmien ta' meta kien tarbija f'widnejh kienet tidwi l-għana ta' ommu waqt li tbennu biex jagħlaq għajnejh u joħlom.

Ħolma sabiħa, għaliex il-poeżija mhix ħlief ħolma li fiha l-poeta jfittex li juri jew jilħaq l-ideal, kienet il-poeżija qasira, iżda ħelwa "metamorfosi" li biha Rużar Briffa jiftakar f'meta kien tfajjel u kien imur sewwa sew fejn l-lum tinsab Duke of York Road ħdejn il-Parrakka ta' Fuq biex jaqbad l-insetti u l-gremxul imma fejn, iżjed 'il quddiem u bħala student, huwa kien imur joqgħod fuq fossa tal-qamħ jistudja bil-kwiet.

Naqraw il-poeżija:

## METAMORFOSI

— — Ja xagħra sabiħa, fejn dari
ma' tulek kont niġri ferħan;
tiftakar, ja xagħra, xi tfajjel
fuq t'egħu, ħamrani, daħkan,

jittajjar, jitliegħeb, imġennen
ħa jaqbad il-kôl u l-gremxul;
imgħawwem fix-xmejxa, wisq joħlom
fiż-żmien li għaddej u fit-tul;
tiftakar ja xagħra?

Il-lum dak it-tfajjel hawn raġa';
it-tfajjel il-lum jgħodd l-għoxrin
u għadu bħal dari ferrieħi
u jħobb dak li sbejjaħ u bnin;

xi ħaġa donn'iżda li tbiddlet:
xi ħaġa ġo fih jew ġo fik?......
int biss tista' tħoll il-misteru,
iż-żmien hux bih għamel jew bik......
tiftakar ja xagħra?

"Metamorfosi" l-poeta kitibha fl-1928 meta kellu għoxrin sena. Sewwa sew meta l-bniedem ikun daħal fl-età li jibda jħoss l-ewwel sinjali tat-tibdil li jsir ġo fih: mhux biss il-bidla tal-ġisem imma wkoll u aktarx l-iżvilupp ta' moħħu u ta' ruħu. Il-poeta jistaqsi lill-istess xagħra ta' quddiem Kastilja fejn huwa kien imur jilgħab meta kien tfajjel, jekk għadhiex tiftakru, għarqan xraba jiġġerra wara l-gremxul u jilgħab mal-kôla li forsi bħalu, hija wkoll kienet "tmur l-iskola". Tiftakru dak iż-żmien dik il-wesgħa? Tabilħaqq li l-wesgħa bħala wesgħa, bħala pjazza jiġifieri ta' beraħ ma tistax tiftakru u ma tistax twieġbu; għaliex il-ġebel u l-ħaġar, is-swar u l-ħitan ma jlissnux kliem bħall-bniedem. Imma s-swar u l-ħaġar huma dawk li jixhdu, u għalhekk allegorikament jitkellmu, fuq il-ġrajja tagħna nazzjonali, u għaldaqstant il-fosos u s-sûr ta' Kastilja jistgħu jixhdu u jwieġbu lill-poeta bil-metafora. Imma dawk il-fosos u dak is-sûr m'għandhomx hemm, għabu għal kollox mit-topografija ta' dak il-post. Allura min sa jwieġeb lill-poeta?

Ir-riħ li jaħkem dik il-wesgħa u x-xemx li tisreġ il-lum bħal dejjem fuq dik ix-xagħra, jagħrfu jwasslu f'widnejn il-poeta t-tweġiba. Imma barra minn hekk, hemm il-ħsieb tal-poeta, dawk il-ħbieb ta' tfulitu li miegħu kienu jaqbżu u jiġru miegħu b'wiċċhom

"...... ...., ħamrani, daħkan"

ħalli jaqbdu l-gremul bla ma jindunaw li l-ħin għaddej u mal-ħin li jgħaddi jinbidel il-bniedem f'ruħu, f'moħħu u f'qalbu daqskemm f'ġismu.

Imma tbiddlet ukoll ix-xagħra u saret triq wiesgħa. Mela kollox u kulħadd tbiddel. U dak it-tfajjel daħkan u ferrieħ l-lum reġa' ġie jżurek, ja xagħra, u sab tibdila fik daqskemm iħoss li tbiddel huwa fiżikament u moralment. Il-poeta ta' għoxrin sena għadu iva qisu l-bieraħ, ferħan u jħobb kulma hu sabiħ u bnin; imma madankollu hemm xi ħaġa fih li tbiddet u ma jistax jaf x'inhi. Għalhekk qiegħed jistaqsik x'inhija bil-ħrara. Iżda inti ma tridx twieġbu. Għaliex? Għandek x'taħbilu? Trid tgħidlu li rifes il għatba taż-żogħżija u ħalla warajh dik it-tfulija ħelwa li ma terġa' tiġi qatt? Jew tistħi tgħid li inti stess biddilt is-sura u ċħadt l-ewwel forma li kellek biex issagrifikajt il-logħob tat-tfal daħkana għat-tkarwit tat-traffiku ta' l-inġenji moderni?

Il-metamoforsi saret! Għal ex allura ma trid twieġbu b'xejn lill-poeta? Għaliex ma tridx tikxiflu l-misteru?

Għandek raġun, ja xagħra! X'jibqa' minnu l-poeta jekk jisplċċalu l-misteru? Xi jsir minnha mbagħad il-poeżija? Le, le, ja xagħra: inti tagħmel sewwa. Isimgħu biss jistaqsik imma twieġbu qatt. Ilqa' l-mistoqsija tiegħu, ja riħ ta' dik ix-xagħra, iżda mbagħad tajjarha minegħek 'il bogħod. Ara kemm jaf iżejjinhielek il-mistoqsija, iżda tħallix iwaqqgħek. Ara kemm kliem sabiħ u kif iżewqu, iżda tħallihx isaħħrek għal warajh.

Kliem sempliċi juża l-poeta iżda magħżul u meqjus biex il-lirika tixgħel ix-xrara tal-poeżija bħalma x-xemx kienet tħammarlu ħaddejh, u tqanqal f'qalbu l-imħabba għall-kôl aħmar u iswed. Rima alternata f'kull kwartina iżda rima waħda biss —it-tieni mar-raba' vers—u kelma tronka: *ferħan, daħkan gremxul* u *tul; għoxrin, bnin, fik* u *bik*. U wara dawk it-tmien novenari li bejniethom jiffurmaw strofa, Briffa, bis-sengħa tiegħu, iżernaq is-senarju

"tiftakar ja xagħra?"

li huwa bħal ritornell fil-ballata.

Neħħi l-asindetu, jiġifieri n-nuqqas ta' kollegazzjoni bejn xi kelma u oħra bħal "jittajjar, jitliegħeb......" il-versi ma fihomx figuri metaforiċi x'wieħed isemmi. Iżda wisq naħseb li l-poeta ma daħħalhomx fil-poeżija apposta, biex iżomm l-istil tiegħu individwali tas-sempliċità.

Briffa fil-poeżija tiegħu u l-iktar fil-"Metamorfosi", li ftit huma dawk li sal-bieraħ kienu jafu biha, juża kliem li jifthiehem mill-ewwel u ma jtaqqalx il-ħsieb tal-poeżija bi kliem li mhux kulħadd jaqbad it-tifsir tiegħu malajr. Madankollu ma jsibhiex bi kbira li jikteb "jitliegħeb", kelma li l-istudenti tal-Kwarta tal-Liċejo iltaqgħu magħha u jafu tajjeb li tfisser "jilgħab, jitnikker, jitlajja" kif ma jaħsibhiex darbtejn biex juża l-kelma rumanza "misteru" li xejn ma joqgħod min flokha bla ma jitlef xi ftit mill-effett jekk mhux ukoll mis-sens.

**Nota:** Din it-taħdita xxandret mir-Rediffusion fl-1949 għall-klassijiet tal-Liċeo. Qegħdin inġibuha hawn fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb ta' Rużar Briffa, "Poeżiji", (Lux Press, Ħamrun). "Metamorfosi" tidher ukoll mal-versi l-oħrajn tal-ktieb.

GĦALL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI

TA'

## DUN ĠUŻEPP ABELA

FIL-KATTIDRAL TA' ST. PATRICK

MELBOURNE, AWSTRALJA,

F'GĦELUQ

IL-FESTI ĊENTINARJI TA' SAN PAWL F'MALTA

24 TA' LULJU, 1960

*Ta'* K. Vassallo

Maħruq bi mħabbtek, għal imħabbtek, Alla,
ħaraq dan iż-żagħżugħ f'nar it-tiċħid
kull ħajr tal-ġisem u tad-dinja, u ħalla
kollox warajh biex jikseb l-aqwa ġid:
lil Kristu Ibnek fuq salib imtalla',
li l-lum jisfa' f'idejh vittma mill-ġdid
ta' dnubiet dawk li fuq dal-mewġ imqalla'
tefgħet il-Ħajja mnikkta mit-twelid.

Ieqaf miegħu, Mulej. Saħħaħlu ruħu
bil-qodos Tiegħek; imla qalbu bik;
seddaq, f'ġieh Ibnek, tbatijietu u dmugħu:
biex hekk, bħal Pawlu, jaħdem biss għalik;
u, ta' poeta u saċerdot, ifuħu
snin ħajtu jkunu sa ma tiġbru fik.

12. IV. 60.

# IL-MILIED IT-TAJJEB

Lill-Kav. Prof. G. Galea
u lill-familja tiegħu.

*Ta'* Ġużè' Borg Pantalleresco P.L.

Li kieku s-sliem
jista' jasal bi kliem
ħelu bħall-frott
u jfuħ bħaż-żahar,
ix-xewqat kont inwassallek
bil-ħlewwa tal-ħawħ
u b'kemm fwieħa hemm fl-inwar;
imma
qiegħed inwassalhomlok
kif waslu fuq fommi
bil-fwieħa tal-qalb safja
li tatni ommi.

* * *

Jalla
jiem il-għomor ikunulkom
hienja
bħal jiem ir-Rebbiegħa tal-ħajja.
sbieħ
bħalma hu sabiħ id-dawl fl-għajnejn
li juruna t-triq
li kuljum twassalna d-dar
meta jgħib id-dlam
u jerġa' n-nhar.

# MONS. LWIGI VELLA

*Ta'* Mons. Anton Gauci

MONS. DUN LWIĠI VELLA, qassis Għawdxi, magħruf bħala wieħed mis-Saċerdoti Għawdxin għall-ħidma tiegħu spiritwali li matul il-ħajja tiegħu kienet ta' ġid kbir fost ħutu l-Għawdxin, kif ukoll ta' ġieħ għad-Dijoċesi t'Għawdex, kien ukoll magħruf bħala wieħed mill-kittieba bil-Malti. Barra minn kotba tal-Knisja huwa kiteb ukoll xi rakkonti li fihom huwa wera l-ħila tiegħu ta' stil narrativ mexxej mżewwaq b'episodji u deskrizzjonijiet sbieħ fuq fond ta' ambjent storiku Għawdxi ta' żmien l-Ispanjoli u l-Gvern tal-Ordni.

Mons. Dun Lwiġi Vella, twieled ir-Rabat t'Għawdex fis-17 ta' Diċembru, 1859. Ta' tnax-il sena tgħallem fl-Iskola Sekondarja tal-Gvern, imbagħad issokta l-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex li dik il-ħabta kien taħt it-tmexxija tal-Ġeżwiti. Wara li laħaq Saċerdot, baqa' is-Seminarju bħala Prefett u Surmast. Iżda x-xewqa tiegħu kienet dejjem li jaħdem għall-ġid tal-Knisja u ta' ħutu l-Għawdxin, u f'dan il-kamp baqa' msemmi għall-ħrara u xogħol spiritwali fost żgħażagħ u rġiel, kif ukoll xebbiet u nisa li nissel fihom l-akbar devozzjoni għall-moviment Ewkaristiku fil-knisja ta' Savina fejn kien waqqaf l-opra ta' l-Adorazzjoni Perpetwa u l-Eżerċitu tal-Paġġi ż-Żgħar ta' Ġesù Sagramentat, istituzzjoni li għadha sseħħ sal-lum. Fl-1887 sar Kappillan fl-Isptar Ċivili r-Rabat, Għawdex, fejn baqa' għal dwar tnax-il-sena. Wara konkors ma' bosta saċerdoti oħra, ġie maħtur Teologu tal-Knisja Katidrali t'Għawdex, u fl-1900, wara eżami ieħor quddiem Kummissjoni speċjali bi president tagħha l-Isqof Camilleri, delegat minn Ruma, ħa l-lawrja fit-Teologija. Fis-sena 1980, wara li l-Ġeżwiti telqu minn Għawdev inħatar Professur tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju t'Għawdex, fil-waqt li jissokta jaqdi l-ministeru ta' saċerdot b'dik il-ħeġġa u żelu li kienu dejjem jidhru fih, sew bħala Direttur Spiritawil tas-Sorijiet Dumnikani u Franġeskani, kemm bħala konfessur ta' bosta penitenti f'Ta' Kerċem u r-Rabat.

Waħda mill-opri kbar li biha ħalla isem sabiħ fost il-poplu tar-Rabat hija x-xogħol ta' bini fil-Knisja ċkejkna ta' Savina li kien ħattha u bnieha tista' tgħid mill-ġdid u kabbarha. Mons. Dun Lwiġi kien waqqaf ukoll perjodiku bl-isem ta' "L-Ewka-

restija—Habbar ta' Ġesù Sagramentat", bħala organu ta' qari għad-devoti tal-"Adorazzjoni Perpetwa."

Papa Piju XI żejnu bil-medalja "Benemerenti" wara li kien diġa' ħa d-dekorazzjoni "Pro Ecclesia et Pontefice" minn għand Papa Leone XIII. Il-Papa Piju X kien għażlu Kuġitur ta' l-Arċisqof Pietru Pace—unur u pis li fl-umiltà tiegħu baża' jaċċettà. Fit-12 ta' Marzu, 1932, Mons. Vella ġie magħżul minn Ruma għad-dinjita ta' Arċidjaknu tal-Knisja Katidrali t'Għawdex.

Mons. Vella kien magħruf ukoll bħala kittieb ta' proża ekklesjastika, kif semmejna qabel. Barra milli kien Editur tal-perjodiku "L-Ewkarestija" u tal-folju l-ieħor "Id-Devot ta' Marija". Mons. Vella ħalla warajh bosta kotba: kotba fuq il-ħajja tal-Martri u fuq il-Fidi, fosthom il-Ħajja ta' *San Ġorġ Martri; Il-Ġeneral Ruman; Sant'Ewfrosina, San Mammante u Abdul Għaxrif*; kotba spiritwali ta' Meditazzjoni u Adorazzjoni: *il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu*, fi tnax-il ktieb, u *Ir-Ruħ Nisranija Quddiem Ġesù, Sagramentat* fi tliet volumi; rakkonti storiċi fuq ġrajjiet il-gżira t'Għawdex, bħalma huma: *Fernandu Montagnes, Bernardu Depuò, Isolda, Imħabba ta' Bint il-Hakem* u *Nikol Abdul*.

Mons. Dun Lwiġi Vella miet fis-17 ta' Lulju, fl-1928 mibki mill-poplu kollu t'Għawdex.

## KOTBA LI RĊEVEJNA

*Ir-Rużarju* — Xandir ta' Kultura Dumnikana. Vol. XII. Jannar - Marzu, 1961. Nru. 4. Minn P. Val. Barbara. Editur. (Lux Press.)

*Ġabra ta' Proża għat-Tfal* — It-Tielet Ktieb. Minn għand R. Vella Tomlin — Awtur. (A. C. Aquilina & Co. Edituri.) 1960.

*Glimpses of Natural Science in an Eighteenth Century Manuscript* by Reginald Vella Tomlin. (Reproduced from "Melita Historica" Vol: 3, No. 1.—1960). (Giov: Muscat & Co. Ltd. *Printers*).

## MET'INTI TMUTLI

*Ta'* Patri Valentin V. Barbara, O.P.

Met'inti tmutli, Poeżija tiegħi,
U iżjed f'qalbi leħnek li jsaħħarni
Ma jinstamax, jibqagħli forsi d-dìwi
T'għanja li tgħaxxaq f'ruħi li jsabbarni?

Met'inti tmutli, o Poeżija ħelwa,
U minn ġo dehni iżjed qatt il-fewġa
Tiegħek ma trewwaħ, tibqa' forsi tiġi
Tbusni fuq qalbi b'ta' l-imħabba l-mewġa?

Jew forsi l-univers, bix-xemx u l-qamar,
Bil-kwiekeb u b'kull dija li tagħnih,
Jinħall bħas-silġ ġo moħħi u minn għajnejja
Iġelben bħala dmugħ f'baħar bla qiegħ?

Met'int tintfieli, o għaxqa waħdanija
Li baqagħli hawnhekk f'din l-art ta' mrar,
U miegħek ta' kull hena, ta' kull ħeġġa,
U ta' kull ħajja nħoss jintfieli x-xrar,

Għad nobgħod forsi 'l min l-għana jnixxifli
U ngħir għal min tiegħu ma jitlef qatt —
Jien li l-mibegħda ma nafx x'togħma fiha,
Jiena li f'għomri qatt ma għert għal ħadd?

Met'int titbiegħed u tħallini waħdi,
Itturufnat interraq mejjet ħaj
F'dal-wied tad-dmugħ, għad forsi jien nitbellaħ
Qisni ħliqa bla dawl, magna bla raj?

Jiena ma nafx; naf ħaġa waħda : ħajti
Mingħajrek qisha dell ta' filgħaxija
Jitwal jitwal sakemm il-lejl sewdieni
Jistor fil-kefen tiegħu kull sbuħija.

U kewkba waħda — it-tama — 'l bogħ'd fis-sema
Tibqa' traxxax bil-mod dijitha rżina
Fil-għajnejn niedja tal-poeta mse'ken
Li jkun jistenna l-jum meta, ħanina,

It-Tieba ta' bla tarf, li tagħder, taħfer
Il-ħtija tan-nedmin, tistiednu d-dar,
Biex tfawru b'dak li minnu kien iċċaħħad,
Fil-għid ta' dejjem ma' l-erwieħ il-kbar.

Hemm fost il-Verġni, o Poeżija tiegħi,
Fil-ġenna t'Alla, is-saltna taċ-ċkejknin,
Insibek iżjed safja fl-għaxqa tiegħek,
U flimkien ngħannu l-innu tal-Ħenjin.

Met'inti tmutli, o sbejħa Poeżija,
Fuq qabrek ma niġix inxerred dmugħi;
'Ma ngħix kemm ngħix, tul dan l-eżilju msejken,
Imħabbtek ħelwa ma tnin qatt minn ruħi.

## BLA MITMUM

*Ta'* KARMENU MALLIA

Jitqal moħħi daqqiet bi ħsibijieti
Fejn jistaħbewli, bħal xi anġli mkenna
Ġo ruħ il-lejl misbaħ il-jum tistenna,
Li jħejju t-telqa għall-għamar ta' ridieti.

U l-abjad ta' quddiemi b'ħożż għanjieti
Inlewwen nibda; imbagħad dehriet il-Ġenna
Tal-Poeżija jgħibu f'salt; bla tenna
Jinħbew; u nirżaħ taħt nuqqas nebħieti.

Niftakar dlonk fl-Imgħallem tas-Sistina,
Li beda jonqox xbieha ta' irsir
Mingħajr ma temmha; sfiqa 'mma miskina

Is-sura li tant ħadem biex jurina.
Minn idu nara l-iskalpell itir,
U jħalli ġisem waħdu fit-twegħir.

N.B. L-Irsir bla mitmum huwa statwa ta' Michelangelo għal fuq il-qabar ta' Giulio II fl-Accademia di Firenze, maħduma bejn l-1581 u l-1524.

# BAQA' F'WICCHOM

*Ta'* JOSEPH L. PACE

GĦEWWA kamra ftit u xejn mudlama kien hemm bniedem bilqiegħda rasu bejn idejh, u kultant minn fommu kienet tinstema' tnehida u xi kelma ta' swied il-qalb. Min kien dak ir-raġel hemm waħdu u kollu mnikket?—Kien Dwardu li dak in-nhar kien tilef l-egħeżeż bniedma li kienet marbuta ma' qalbu; kien tilef 'l ommu li wara marda qalila li hija kienet sofriet bl-akbar sabar kienet dik l-għodwa strieħet mill-uġigħat li kienet dejjem tħoss u li għalihom ma' kien hemm l-ebda mistrieħ ħlief il-mewt.

U issa Dwardu kien jinsab waħdu, għaliex ħutu ma' kellux u lanqas ma' kellu min jiġi minnu fil-qrib u għaldaqstant it-te'fa ta' ommu kienet għalih l-ikbar daqqa ħarxa li seta' jħoss. Ma kienx jaf x'jibda jagħmel u fejn imur.

Tassew li Dwardu ma kellu bżonn ħadd għaliex mill-flus ma kienx nieqes. Imma b'danakollu kien iħossu waħdu; ħbieb qatt ma kellu u każini jew postijiet oħra fejn ġuvintur oħra kienu jiltaqgħu ma kienx iħobb imur fihom, u għalhekk, issa li ommu kienet ħallietu sab ruħu għalkollox barra minn din id-dinja u waħdu għal kollox.

Dwardu kellu wieħed u għoxrin sena u missieru li kien miet xi tliet snin qabel kien ħallielu daqsxejn ta' neġozju li kien iġiblu bejn wieħed u l-ieħor fuq il-lira kuljum qligħ, u billi hu ma kienx iħobb jonfoq il-flus fix-xejn kien ħalla ukoll somma flus ġmielha l-bank.

Barra minn dan, Dwardu ma kienx iddisgrazzjat minn wiċċu u minn persuntu. Kien twil ġmielu, bi spallejh wesgħin u, barra minn hekk, kien b'saħħtu ġmielu. Hu qatt ma ftaħar b'saħħtu, iżda meta kien hemm bżonn li juri saħħtu dejjem kien ħareġ ta' raġel.

U issa li kien jinsab waħdu beda jaħseb x'sejjer jibda jagħmel; imma dan il-ħsieb ma' damlux wisq, għaliex kien hemm ħaddieħor li kien qiegħed jaħseb għal dan, għal'ex dawk l-ommijiet li kellhom xi tfajla li qabżet it-tminta-'l-sena bdew jersqu lejn Dwardu u jistqsuh jekk kienx jonqsu xi ħaġa u jekk jistgħux jgħinuh f'xi ħaġa, imma huwa kien dejjem iweġibhom li ma kellu bżonn ta' xejn.

B'danakollu l-istedin għal xi kikkra tè jew għal xi grog ma' naqsux u, ħalli għal Mananni tgħid lil Dwardu waqt li jkun jixrob it-tè kemm ommu kienet tħobb lil bintha Nina, u kemm meta kienet ħajja k'enet tfaħħarha għaliex għalkemm kellha biss tmintax-il-sena madanakollu kienet tinqala' għalkollox u kienet ukoll taf tmexxi d-dar bil-għaqal. U Ġanna lit-tifla tagħha Pawlina kienet ittellagħha sas-seba' smewwiet għall-għaqal u bżulija tagħha, u k'enet ukoll iżżellaq li xi ħabbtejn kienet tiehu magħha ukoll meta tiġi biex tiżżewweġ. Ommijiet oħra k'enu ukoll isefsu f'w'ednejh kliem ta' din ix-xorta. Dwardu kien joqgħod jismagħhom b'nofs daħka f'fommu jixrob it-tè jew il-grog li kienu jagħtuh u xejn ma jgħid u, wara xi ftit, jitlaq lein daru u jħalli dawk l-ommijiet ferħana li l-ħs'eb tagħhom kien sejjer iseħħ.

Darba waħda Dwardu qal illi kien sejjer jagħmel vjaġġ għaliex r'ed jistrieħ u għa'hekk beda jlesti b'ex jitlaq.

Hawnhekk trid tara l-ommijiet k'f inxeħtu f'pika bejn'ethom minn minnhom igħin lil Dwardu l-iżjed, u ma' jistax jonqos; waqt li jkunu qegħdin jagħmlu hekk iwissuh biex jieħu ħs'eb tiegħu nn'fsu u li ma jinsiex li fir-raħal sejjer iħalli warajh ħafna n'es li jħobbuh u li jixtiqulu kull ġid.

Il-jum tat-tluq tiegħu wasal u min ma k'enx jaf x'ġara kien jaħseb li xi ras kbira kienet sejra żżur ir-raħal, għaliex fit-triq kienu jinsabu ħafna nies u l-iktar quddiem il-bieb tad-dar ta' Dwardu.

Quddiem dan il-b'eb kien hemm karozza tistenna u, wara xi ftit, Dwardu tfaċċa, poġġa ż-żewġ valiġġi ġewwa fiha u wara li xejjer b'idu lil dawk li kien hemm, tela' fiha u telaq lejn il-port ta' l-ajruplani.

Għal bosta żm'en ħadd ma kien jaf x'sar minn Dwardu għaliex il-wegħda tiegħu li jiktbilhom ma żammhiex u aħbarijiet tiegħu ma kellu ħadd.

L-ommjiet kienu isaqsu waħda lil oħra jekk, kinux irċevew xi ittra minn għand Dwardu, imma t-tweġiba k'enet dejjem tkun li le. Imma billi huma kienu igħiru għal xulx'n kienu jaħsbu illi Dwardu kien kiteb, imma l-omm ta' dik jew ta' dina ma kenitx trid turi u allura l-ħsibijiet kienu jikbru iżjed illi huwa kien q'egħed jagħmel x'ħaġa bil-moħbi

Iż-żmien ġmielu kien għaddej meta darba waħda l-kappillan, waqt li k'en jitħaddet ma' xi erba' parruċċjani fuq iz-zuntier qal li Dwardu k'en kitiblu u qallu l għal b'du tax-xahar

ta' Awissu, jiġifieri sew sew xahar ieħor, kien sejjer ikun magħhom darb'oħra. Imma dak li kitiblu l-kappillan ma' kienx semmieh.

Malli nstema' dan, l-ommijiet bdew mill-ġdid iħabblu moħħhom u min mar xtara libsa għat-tifla u minn xi biċċa deheb u min xi żarbun sabiħ u lestew lil uliedhom għall-miġja ta' Dwardu.

Il-ġranet bdew igħaddu waħda wara l-oħra u kull jum għal dawn l-imsejknin ta' ommijiet kien qisu li kienet xi sena u firraħal kienet tinħass ftit ta' bruda bejn familja u oħra u ftit tal-għira ma kenitx tonqos anqas, u kont tisma' omm Nina titħaddet fuq binitha qisu qiegħda titħaddet fuq xi xempju tassbuħija u ta' l-għerf. U xi ngħidu għal Ġanna li kienet iddeffes lil Pawlina ma' kull min titkellem miegħu. Min ma kienx jafhom lil dawn ix-xebbiet kien jaħseb li mhux biss fir-raħal, imma saħansitra fid-dinja kollha għas-sbuħija, għall-għaqal, għas-saħħa u għall-għerf ħadd ma kien jirbħilhom.

Ma' tul daż-żmien l-imsejknin żwieġ dawn in-nisa ma kellhomx mument ta' paċi fi djarhom. Kliem marthom kien kollu fuq Dwardu u fuq binthom u li ma kienx hemm l-ebda dubju ta' xejn li malli Dwardu kien jitfa' siequ fir-raħal l-ewwel ħaġa li kien jagħmel kienet żgur li jitlobhom biex jitgħarras lil binthom.

Il-jum tal-miġja lura ta' Dwardu fl-aħħar wasal u dan iljum inzerta kien tal-Ħadd. Dwardu mar il-knisja għall-quddies u miegħu kellu xebba. Min kienet dik ix-xebba bdew isaqsu innies li rawhom. Wara li spiċċat il-quddiesa u n-nies ħarġu millknisja, il-kurżità għelbet lil Ġanna u resqet fuq Dwardu u tatu l-merħba bih. Huwa b'daħka ħafifa qallha : "Ġann ħallini nippreżentalek lil marti Margerita".

Wiċċ Ġanna, wara dan il-kliem kont tħallas biex tarah. Telgħetilha fawra f'wiċċha u riġlejja ħassithom iċiedu u bilkemm kemm felħu l-pis ta' ġisimha u lsienha weħlilha u kelma waħda biss lanqas ma setgħet toħroġ minn fommha. Wara li ħadet b'id Margerita qalet xi kelmtejn ta' ferħ li hija xejn ma kienet tħoss u telqet bil-qajla l-qajla lejn darha kollha ħosbiena.

L-unika soddisfazzjon li ġarrbet kienet dik li jekk Dwardu ma kienx iżżewweġ lil Pawlina tagħha lanqas Mananni ma kellha x-xorti żżewweġ lil Nina tagħha ma' Dwardu.

# MIDNEB

*Ta'* Patri A. M. Previ, O.P.

Kull meta fl-għaxijiet xitwija nisma'
Ir-ragħ'd ikarwat fis-smewwiet, u nlmaħ
Is-sriep tan-nar minn xfar in-nar ifiġġu,
U b'ħeffa bħal tal-ħsieb joforqu l-wisgħa
Bla qies tas-sema, hemm fid-dawl tal-leħħa
Bħal f'hemża t'għajn, lis-siġar kbar qawwija
Mir-riefnu mhezza nara ser jitqaċċtu
Bħal fiġla minn għeruqhom, u lix-xmajjar
Ta' l-ilmijiet għaddejja jkaxkru magħhom
Haxix u weraq, xaħx u żkuk bla ħniena.
F'ħin wieħed jerġa' sfiq id-dlam u nisma'
Lir-riħ qed jingħi qisu waħx ġol-friegħi,
U t-tfaqqigħ tas-silġ ma' ħġieġ it-tieqa

Hemm barra bniedem bħal miġnun jiġġerra
Jixxabbat mal-għoljiet, jiżżerżaq, jaqa'.
Iqum għarqan, għajjien, ma jafx fejn sejjer...
Fil-waħx ta' dan il-lejl il-bża' ħakmu
U fakkru f'qillet Alla u f'ħażen ħajtu,
Għax f'sebħ żgħużitu kien ittabba', marad.
F'elf art kien ġera bit-tbaħrid, fil-frugħa
Sa ma lil saħħtu żarma. Issa, jaħasra,
Li tmiemu kien fil-qrib, iħoss ġo qalbu
Li ħniena m'hemmx għalih minn Dak li sallab
Bil-faħx t'għemilu — qata' għal kollox jiesu.
Bir-ragħwa f'ħalqu, b'qilla ta' l-imxajtna
Lid-dinja seħet, lill-bnedmin, lil ħajtu.
Fi-uġigħ ta' ruħ mifnija bi dnubietha
Intafa' jgiddem l-art b'dirgħajh miftuħa,
Jistenna li tinfetaħ, biex tifkirtu
Tintnesa mill-bnedmin u jmut għal dejjem.

Kull meta fl-għaxijiet xitwija nisma'
Ir-ragħ'd ikarwat fis-smewwiet, lil qalbi
Inħoss tintrafa' f'talba lill-Mulejja:
Aħfirli dnubi, ħniena, ħares lejja.

# KRONAKA TAL-GHAQDA

## ĊIEH LILL-MEMBRI TAL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

Kif jaf kulħadd tliet Membri Akkademiċi tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti dan l-aħħar irċevew titoli li bihom għollew mhux biss ġieħhom, imma wkoll ġieh il-Għaqda tagħna.

Dawn huma l-Professuri Galea, Coleiro u Saydon.

Imma barra minn dawn il-Maltin ta' Malta, ħbieb u Membri tal-Għaqda, li l-lum jinsabu jgħixu barra minn Malta, kellhom ukoll l-unur li jirċievu titoli u fosthom insemmu lil:

Joe Calleja, M.B.E., ta' Detroit, li laħaq Konslu ta' Costa Rica għal Detroit (U.S.A.).

Fl-istess ħin ingħarrfu li ż-żagħżugħ Ġużi Abela, magħruf bħala poeta u li tiegħu ta' sikwit naqraw poeżijiet fir-Rivista tagħna "Il-Malti", u li ilu jgħix fl-Awstralja minn xi snin, xi ftit żmien ilu libes l-abiti sagri ta' Saċerdot.

Issa Ġużi Abela huwa magħruf bħala l-Wisq Reverendu Ġużi Abela, li fuqu f'din il-ħarġa ta' "Il-Malti" taqraw sunett sabiħ tal-poeta K. Vassallo għall-okkażjoni ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Lill-ħbieb tagħna Joe Calleja u lir-Reverendu Ġużi Abela nifirħulhom minn qiegħ qalbna.

---

## IL-MEMBRI TAL-GHAQDA JIFIRHU LILL-PROF. Ġ. GALEA, PRESIDENT TAL-GHAQDA, LILL-PROF. P.P. SAYDON, PRESIDENT ONORARJU TAL-GHAQDA, U LILL-PROF. MONS. COLEIRO, MEMBRU TAL-GHAQDA.

Fl-14 tax-xahar ta' Jannar il-Għaqda stiednet lill-Kav. Prof. Ġ. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H., lill-Prof. P.P. Saydon, B.Litt., B.L. Can., D.D., Lic. S.S., D.Lit., u lill-Prof. Mons. E. Coleiro, B.A., B.L. Can., D.D., Ph.D. (Lond.), O.B.E. għal Pranzu fl-Hotel Bonheur, il-Belt, bħala apprezzament għat-titoli ta' ġieħ li lilhom ingħataw dan l-aħħar, lil wieħed għat-titolu ta' F.R.S.H., lit-tieni għat-titolu onorifiku ta' D.Lit. mill-Università ta' Malta, u lit-tielet għat-titolu ta' O.B.E.

Fuq il-mejda kien hemm numru sabiħ ta' membri tal-Għaqda, li kollha kemm huma wrew f'dik iċ-ċirkustanza speċjali l-ferħ tagħhom lill-mistednin persunalment, kif ukoll għaliex f'dik il-laqgħa kellhom l-isbaħ opportunità li jiltaqgħu ma' ħafna minnn sħabhom tal-Għaqda u jifirħu b'xulxin f'dawk il-ġranet ta' ferħ u xewqat tas-sena l-ġdida.

Xi membri li ma deħrux f'dik l-okkażjoni bagħtu jgħidu li b'dispjaċir kbir ma setgħux jieħdu sehem minħabba xi ċirkustanzi ta' mard fil-familja jew raġunijiet oħra.

F'għeluq il-pranzu qam jitkellem il-Viċi-President, is-Sur Nin Cremona. Huwa qal: "Il-lum aħna ngħarna fuq din il-mejda biex nifirħu lil tlieta mill-Membri ta-Għaqda, fejn fosthom għandna l-pjaċir li ngħoddu saħansitra lill-President tagħna. Il-ferħ tagħna ħabat sewwa sew f'dawn il-ġranet ta' ferħ u ta' xewqat tas-Sena l-Ġdida, meta wkoll isimhom ġie mżejjen m'ilux wisq b'titoli ta' ġieħ, li żdiedu mat-titoli sbieħ li dawn il-ħbieb u sħab tagħna għandhom wara isimhom għall-merti akkademiċi u merti speċjali tagħhom. Lill-President tagħna, li s'issa kellna iżjed minn okkażjoni waħda li nifirħulu, din id-darba nifirħulu ma' oħrajn b'mod speċjali il-għaliex huwa wieħed fost il-Membri tal-Għaqda li minn meta kien student wera l-iktar ġibda qawwija għall-kitba Maltija u ħrara li jingħaqad mal-Għaqda. Kien sewwa sew fil-bidu tal-ħajja tal-Għaqda, żmien il-qatt minsi President Ġużè Muscat Azzopardi, meta student tal-mediċina fl-Università, huwa kien wieħed mill-wisq ftit fost l-istudenti universitarji, li ma staħax jikkultiva l-Malti u jiktbu bl-isbaħ stil li ma jagħmilx għajb lill-kitba ta' ilsna oħra ta' studju fl-Università, tant li f'konkors ta' novelli mniedi l-ewwel darba mill-Għaqda, in-novella tiegħu kienet ħadet l-ewwel premju. Din kienet l-ewwel xrara ta' nar li kebbset f'qalbu u f'moħħu ħrara kbira għall-kitba ta' proża narrativa Maltija, tant li l-lum lill-Professur Galea nistgħu ngħodduh fost l-aqwa novellieri u romanzieri li għandna fil-letteratura Maltija. Minn dak iż-żmien bikri ta' żgħożitu ismu kien u baqa' marbut ma' l-isem tal-Għaqda tant illi wara li Dun Karm irtira minn President, l-Għaqda ma dehrilhiex li tista' fost il-Membri tagħha ssib bniedem aħjar li kien jistħoqqlu li jinħatar bħala President u Direttur ta' "Il-Malti", u jekk il-lum il-Professur Galea, għall-merti professjonali tiegħu, bħala Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa, lilu ngħata t-titlu ta' Fellow of the Royal Society of Health, u jirrappreżenta s-saħħa tal-Gżira, daqshekk ieħor nistgħu ngħidu li fil-kariga presidenzjali tiegħu fostna u għall-merti tiegħu ta' kitba letterarja Maltija huwa jirrappreżenta s-saħħa tal-Għaqda.

"Il-lum fostna u fost dawn it-tlieta li qegħdin nifirħu bihom għandna l-pjaċir ngħoddu lil wieħed mill-iktar anzjani tal-Membri tal-Għaqda, bniedem li l-fama tiegħu bħala studjuż tal-Ilsien Malti u ta' ilsna semitiċi twieldet, tista' tgħid, fi żmien wieħed mat-twelid tal-Għaqda. Għadni niftakar, qisu l-bieraħ, għalkemm issa għaddew mal-35 sena, meta l-Professur Saydon kien għadu kif wasal minn Ruma wara li kien temm l-istudji tiegħu għal-Liċenza tas-Sagra Skrittura u tal-Lsien Lhudi. Il-Għaqda kienet fil-bidu tal-ħajja tagħha, u dlonk laqgħetu fi ħdanha bħala wieħed mill-Membri li seta' jiswielha mhux ftit, kif difatti swielha. Huwa kien fost l-ewwel kontributuri ta' "Il-Malti" li żejjen il-paġni ta' dik ir-rivista b'kontribuzzjonijiet ta' studji xjentifiċi fuq il-Malti li taw lil dik ir-rivista ċerta importanza akkademika. Huwa kien wieħed li ħa sehem fl-ewwel

laqgħat akkademiċi, u meta l-Għaqda kienet mistiedna biex tieħu sehem fil-Kungress ta' l-Orjentalisti f'Oxford (1928), il-Kunsill tal-Għaqda kien għażlu biex jikteb fuq il-għamla tal-Lsien Malti bħala fergħa tal-lsien semitiku. Minn dak iż-żmien sal-lum nistgħu naħsbu x'kienet il-ħidma tal-Professur Saydon għall-progress tal-Malti sew bħala Membru tal-Għaqda tagħna kemm bħala suċċessur tal-fundaturi (Dr. Rużar Briffa u Dr. Ġużè Bonnici) tal-"Għaqda tal-Malti (Università)", u kemm setgħet maż-żmien tiswa l-pinna tiegħu fil-letteratura Maltija. Huwa kien li kompla mexxa tagħeb ħafna d-direzzjoni u l-edizzjoni tal-ġurnal "Leħen il-Malti", li l-lum l-Editur tiegħu huwa l-Professur Ġużè Aquilina. L-aqwa biċċa xogħol tiegħu, xogħol monumentali, hija t-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid bil-Malti li fuqha dam jaħdem dawn l-aħħar tletin sena. Din il-biċċa xogħol hija ġawhra prezzjuża li biha l-Professur Saydon żejjen il-leteratura Maltija. Kien għalhekk, kif għandi naħseb, illi dan l-aħħar l-Università ħasset li ismu jiġi mżejjen bil-grad onorarju tad-Dottorat tal-Letteratura. L-Università ma setgħetx fuq hekk tagħti dan it-titlu ħlief lil persuna li kienet tassew jistħoqqilha dan il-ġieħ. Għalhekk aħna Membri tal-Għaqda bil-ħaqq kollu ħassejna d-dmir li l-ferħ għall-ġieħ li ngħatalu jkollna wkoll sehem fih meta wieħed iġib quddiem għajnejh dik ir-rabta morali bejn l-istorja tal-Għaqda fil-koltivazzjoni u progress tal-Lsien Malti u l-ħidma letterarja fil-Lsien Malti tal-Professur Saydon.

"Fuq il-Professur Mons. Coleiro illi l-lum l-Għaqda ħasset ukoll id-dmir li tistiednu u tifraħlu biex turi l-għożża tagħha għall-ġieħ li l-Maestà Tagħha r-Reġina tagħna għoġobha tagħtih bit-titlu għoli ta' Uffiċjal ta' l-Ordni ta' l-Imperu Ingliż, nistgħu ngħidu li għalkemm il-Prof. Coleiro mhux wieħed mill-eqdem Membri tal-Għaqda, bħat-tnejn li semmejna qabel, fis-snin li ilu sew bħala Membru Akkademiku kemm ukoll bħala Membru tal-Kunsill, huwa sewa ta' l-akbar ġid għall-Għaqda. Il-ħrara għall-kitba Maltija huwa ħassha minn mindu kien student l-Università, kif naraw minn xi kontribuzzjonijiet tiegħu fir-rivista "Leħen il-Malti"; il-ġieħ li bih il-Maestà Tagħha r-Reġina tagħna għoġobha żżejjinlu ismu juri biżżejjed il-ħeġġa u l-ħidma tiegħu fil-kamp ta' interessi soċjali, nazzjonali u filantropiċi. Ma hawnx kumitat fejn hemm interessi ta' studji universitarji, impriżi djoċesani, proġetti ta' organizzazzjonijiet reliġjużi u fl-istesr ħin patrijottiċi li fihom ma ssibx ismu, bħalma dawk tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl f'Malta li fihom il-Professur Coleiro kellu l-akbar sehem, u li fihom għoġbu joffri sehem sabiħ lill-Għaqda bil-Ċabra ta' Poeżiji miktubin għall-okkażjoni minn Membri tal-Għaqda. L-interess li dejjem wera biex jagħti parir u għajnuna u jaqbeż għad-drittijiet tal-Għaqda u tat-tagħlim sod tal-Malti huwa wieħed mill-karatteristiċi li dejjem laqatni u li fil-fehma tiegħi jagħżluh mill-kwalitajiet morali tal-Membri sħabu.

"Nagħlaq dawn l-erba' kelmiet billi nistieden lil sħabi ta' fuq dil-mejda biex nixorbu bis-saħħa tal-mistednin filwaqt li nixtiqulhom ukoll illi s-Sema jkompli jisliħhom għomor twil sabiex il-ħidma tagħhom tibqa' tiswa ta' ġid għall-Għaqda u l-Għaqda u l-Malti, mal-ġieħ ta' isimhom, jibqgħu jgħixu ħajja twila, jiżżejnu u jikbru fir-riżq u l-progress tagħhom".

Wara l-Viċi-President tkellem il-Professur Saydon, li wara li rringrazzja lil-Għaqda għall-istedina li għoġbu jagħmillu bħala apprezzament tal-grad onorifiku li dan l-aħħar l-Università għoġobha tagħtih, bħala rikonoxximent tax-xogħol tiegħu fit-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti, tkellem u qal li għalkemm huwa kien temm it-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti li fiha kien ilu jaħdem mat-tletin sena b'dik ir-reqqa li swietlu ħafna xogħol, huwa l-lum jixtieq jara edizzjoni oħra riveduta ta' din it-traduzzjoni, billi minn dak iż-żmien li kien beda dak ix-xogħol, kienu saru ħafna studji ta' riċerki ġodda fuq il-Lhudi u nstab tifsir ġdid ta' xi kliem fil-Bibbja li jixħet dawl ġdid fuq xi passaġġi li l-lum b'riħet dawn l-istudji s-sens tagħhom huwa iżjed ċar. Bosta nies talbuh li jagħmel din il-biċċa xogħol ta' reviżjoni, u huwa kien diġà beda jagħmlu u fih mexa 'l quddiem ġmielu; jittama għallinqas li ma jdumx ma jtemm ir-reviżjoni tat-Testment il-Qadim kollu. Id-diffikultà hija l-ispiża kbira tal-pubblikazzjoni ta' l-edizzjoni riveduta; l-istampa, l-ewwelnett, jaqbel li ssir minn dar tipografika ta' barra li tkun tista' tindaħal għal biċċa xogħol bħal din. Huwa diġà kellu l-okkażjoni li fuq hekk jitkellem ma' xi publishers, iżda ma kienx wasal fi ftehim kif xtaq hu. Huwa jittama li xi Awtorità li tinteressaha din l-edizzjoni ġdida irreveduta minnu tindaħal biex tgħin b'xi sussidju għall-istampa tagħha. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi ta xi eżempji ta' l-istudji li kien għamel fuq il-lessiku ebrajk, u wera kif bis-saħħa ta' dawn l-istudji t-traduzzjoni tkun tista' tiftiehem aħjar.

Il-President, Professur Galea, li qam jitkellem wara l-Prof. Saydan, irringrazzja lill-Kunsill tal-Għaqda u lill-Kummissjoni li ħadet ħsieb ta' dik il-laqgħa u pranzu li jingħata b'ġieħ il-mistednin, kif ukoll lil kull min ħa sehem f'dak il-pranzu, ukoll lil dawk li xtaqu jkunu ma' sħabhom fuq dik il-mejda, imma li għal xi raġuni ma setgħux. Il-pjaċir tiegħu kien dejjem li jkun f'xi laqgħa bħal dik mal-ħbieb, l-iktar ma' dawk tal-Għaqda li kienu lkoll ta' fehma waħda f'dak li huwa interess tal-Lsien Malti u tal-progress tiegħu, ħaġa li kienet dejjem għal qalbu. Kulħadd, u b'mod speċjali l-Membri tal-Għaqda, kien laqa' bi pjaċir l-aħbar tal-għoti tad-Dottorat tal-Letteratura (Honoris Causa) lil Mons. Prof. Saydon fi tmiem il-karriera tiegħu fl-Università. Dak kien premju żgħir għax-xogħol kbir li kien għamel fl-Alma Mater u għall-kapulavur tiegħu, it-traduzzjoni tal-Bibbja. Il-Prof. Galea kien sema' bi pjaċir li x-xogħol tar-reviżjoni tat-traduzzjoni tal-Bibbja kien mexa ġmielu, u kien jittama, anzi kien żgur

l l-Prof. Saydon kien mhux biss ser jissokta fil-ħidma tiegħu, iżda li l-missirieħ tax-xogħol tat-tagħlim kien ser ifisser li hu issa jinxteħet b'iżjed ħerqa u qlubija għax-xogħol li huwa kien tant jixtieq li jwassal sat-tmiem bl-istess riżq li huwa kien temm l-ewwel edizzjoni. Il-Prof. Galea qabel ma għalaq id-diskors tiegħu ma xtaqx ma jgħidx ukoll kemm kulħadd feraħ meta ftit ġranet qabel kienet xterdet l-aħbar li l-Maestà Tagħha r-Reġina kien għoġobha tiddekora lil Mons. Coleiro bit-titlu ta' Uffiċjal ta' l-Ordni ta' l-Imperu Ingliż. Ried ikun Mons. Coleiro, bniedem ta' karattru sod, biex twassal fit-tmiem biċċa xogħol bħal dik tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl li kienu ġibdu fuq Malta għajnejn in-nies tad-dinja kollha, festi li kienu tant irnexxew li għadhom jissemmew bħala l-aktar tifkira għażiża fil-ġrajjiet tal-Knisja Nisranija f'Malta.

Il-Professur Galea temm id-diskors tiegħu billi qal li l-unur mogħti lilu kien ukoll mogħti lil ħbiebu tal-Għaqda, għax magħhom kien iħoss li għandu jaqsam sew il-ferħ għax-xogħol li għamel flimkien magħhom fil-qasam tal-Lsien Malti u tal-Għaqda kemm il-ferħ tal-ġieħ li lilu jingħata fil-qasam ta' kull ħidma oħra li għandha x'taqsam ma' l-interessi tassaħħa tal-Gżira.

Wara li tkellem il-Professur Galea, qam jitkellem il-Monsinjur Professur Coleiro fejn beda biex igħid li dawk li tkellmu qablu kienu diġà rringrazzjaw f'ismu wkoll. Huwa ma setax ma jtennix ir-ringrazzjament tiegħu. Dak li kellu jgħid fuq Mons. Saydon kien diġà qalu fid-diskors li kien għamillu dak in-nhar taċ-ċerimonja tal-għoti tal-grad fejn kien semma l-merti kbar tal-Professur Saydon bħala traduttur tal-Bibbja bil-Malti u studjuż ta' ilsna semitiċi. Dwar il-President, Prof. Galea, huwa kien żgur li ma kellux għal fejn igħid wisq, għaliex kulħadd kien jaf tajjeb il-merti kbar tiegħu mhux biss fil-qasam tal-letteratura Maltija, iżda f'ħafna oqsma oħra tal-ħajja kulturali, xjentifika u soċjali Maltija, għalhekk l-unur mogħti lilu mir-Royal Society of Health kien tassew misthoqq u jagħmel ġieħ lilu u lil Malta. Dwar in-nomina tiegħu bħala Uffiċjal ta' l-Ordni ta' l-Imperu Ingliż mill-Maestà Tagħha r-Reġina huwa ma setax igħid li maħax pjaċir; ħa pjaċir il-għaliex dik kienet l-ewwel darba li kien mogħti ġieħ bħal dak lil Membru tal-Kleru wara manifestazzjoni nazzjonali u reliġjuża bħalma kienet dik tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl; ħa pjaċir ukoll għaliex huwa kien iħoss li dak l-unur ma kienx mogħti lilu persunalment biss, iżda lil Malta kollha li wriet quddiem kulħadd u hekk bid-dieher li qalbha kienet għadha marbuta ma' Pawlu Missierha li dsatax-il mitt sena ilu kien wassal it-Twemmin Nisrani lil Missirijietna.

Wara li kulħadd xorob bis-saħħa tal-mitednin il-pranzu għalaq billi kulħadd feraħ bihom u ħadilhom b'idhom.

# REĊENSJONIJIET

**"ULIED TA' L-AZZAR"** ta' Vic Apap. Stamperija Giov. Muscat, Valletta — 1960. Paġ. 240.



**Victor Apap**

L-aħħar Gwerra Kbira li għaddiet minn fuq Malta ġibdet fuq din il-Gżira l-għajnejn tad-dinja u tefgħet fuqha dija ta' foħrija li ma tintefa qatt. u dan bir-raġun kollu għax il-ħila li wrew il-Maltin, it-tiġrib li għaddew minnu, il-ħajja ta' għaks, ta' perikolu, ta' taqlib u ta' biża' li għaxu, kollha flimkien jinsġu epopea li tqajjem interess, u ammirazzjoni. Imnebbhin minn din l-epopea awturi barranin kitbu poeżiji, rumanzi, u stejjer li nqraw b'għoġba minn eluf ta' nies, imma fost l-awturi Maltin ftit wisq kien hawn li fasslu xogħlijiet dwar dawk il-ħames snin ta' ġieħ u glorja għal pajjiżna.

Għalhekk aħna bil-ferħ kollu nilqgħu dan ir-rumanz ta' Victor Apap u ngħożżuh għax ifakkarna fil-ħajja li għaddejna fl-eqqel tal-Gwerra f'Malta. Wieħed jieħu gost jiftakar f'dak li għadda minn għalih u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jixxiegħel bit-tifkiriet tal-imgħoddi wkoll jekk dawk it-tifkiriet ikunu ta' biża', qirda u tbatija bħalma huma x'uħud mill-episodji irrakkontati f'dan ir-rumanz. Iżda dan ir-rumanz itaffi l-biża' u l-ħruxija tal-gwerra bil-ħlewwa ta' l-imħabba.

Ħaġa li togħġobna ħafna fir-rakkonti ta' Apap hi s-sengħa li għandu biex jiddeskrivi u jġibilna quddiem għajnejna xeni u nies mill-ħajja ta' kuljum, imma ma jħallihomx bis-sura tagħhom ordinarja, iżda jagħtihom tifsira interessanti jew erojka u jdommhom flimkien b'ħarira ta' imħabba, mogħdrija, ġmiel u erojiżmu li jqanqal fil-qarrej għoġba u jżommuh medhi fil-qari tar-rumanz dejjem bix-xewqa li jara x'ġej u kif se jispiċċaw l-intriċċi li fih.

L-awtur għandu xeħta kbira kif jiddeskrivi karattri u persunaġġi, jagħtihom ħajja u sura u jaqlagħhom hekk bis-sengħa u jġibhom quddiem moħħ il-qarrej qishom nies li jeżistu u qegħdin igħixu madwaru. Il-persunaġġi li Apap għażel huma tip sinjorili ta' karattri simpatiċi li jgħixu f'ambjent pulit imżejjen b'għana, koltura u kumdità. Il-villa tas-sinjuri Magri hija tifkira ta' dawn l-ambjenti, fil-waqt li l-istudju ta' l-iskultur Oskar huwa eżempju ta' *atelier* modern fejn l-arti ssaltan fuq l-imbarazzi kollha!

Laqatna wkoll il-fatt li l-persunaġġi huma koerenti fil-karattri tagħhom mill-bidu sat-tmiem. Is-sur Fred Magri hu tip ta' negozjant għani li aktar ifittex l-irġulija milli li jistagħna; hu l-veru tip ta' dak li dari kienu jgħidulu "*padre nobile*" u li ma jħalli xejn ibiegħdu mid-dmirijit ta' missier u kap tal-familja. Irene hi xbieha ta' tfajla mogħnija bid-doni kollha tal-ġid u x-xaba' u l-vantaġġi tal-ħajja moderna, imma għalkemm tixxiegħel fil-mogħdijiet taż-żmien tal-lum, Irene ma hix ilsira tal-frugħat tagħhom.

Imma dak li jingħażel ewlieni fost il-persunaġġi hu Edwin Farrugia, żagħżugħ ta' ħila u ġlubija, kollu għaqal u ħsieb. Hu l-mudell ta' dak

li l-Ingliżi jgħidulu *"a local boy makes good"*. Karattru bħal dak ta' Edwin Farrugia jagħmel figura f'kull sitwazzjoni u ċirkustanzi, imma meta dawn iċ-ċirkustanzi jkunu ġrajja ta' gwerra li taqleb id-dinja ta' taħt fuq u ġġib niket u hemm u qirda fuq pajjiżna, l-imġiba tiegħu erojka tqanqal seħer u għaxqa fost il-qarrejja. Għoġbitna l-manjiera li biha l-awtur niseġ l-avventuri tal-Kaptan Edwin Farrugia li x-xorti ħaditu saħansitra fl-Ingilterra u Franza fejn wettaq ħidma ta' ħila u tal-għaġeb li għaliha stħoqq ġieħ kbir.

Barra dawn il-persunaġġi li semmejna hemm oħrajn li aħna f'din id-daqsxejn ta' kitba ma nistgħux insemmuhom kollha; huma wkoll jolqtu lill-qarrej bil-ħeġġa u l-ħrara tagħhom u bil-ħidma li jwettqu finnisġa tar-rumanz.

Dan hu rumanz li jgħodd għal kull xorta ta' qarrej; fih dak kollu li jinħtieġ biex wieħed iqatta' siegħa żmien mhux biss biex jedha, imma wkoll biex jitgħallem dwar dak li ġarrbu niesna fil-Gwerra l-Kbira u dwar dak li għadda minn fuq pajjiżna u minn fuq id-dinja kollha f'dawk is-snin ta' qilla u ta' qirda. Il-ktieb miktub tajjeb, li stil għoli, ħafif u mexxej, mirqum bis-sengħa, għandu l-merti kollha biex jitqies bħala opra letterarja, opra li tirfed il-letteratura Maltija u żżejjen il-libreriji tagħna.

G.

**"TRIQ ID-DEJQA NRU. 313"** ta' Ivo Muscat Azzopardi. Empire Press, Floriana — 1960. Paġ. 158.



**Ivo Muscat Azzopardi**

Din hija t-tielet edizzjoni ta' ktieb li rnexxa ħafna u sar popolari fost il-qarrejja Maltin. Il-fatt li din il-ġrajja tad-detektiv Malti ġiet stampata tliet darbiet huwa prova ta' kemm ingħoġbot millpubbliku.

Meta semmejna dan il-ktieb sentejn ilu, konna wrejna l-punti saljenti u l-preġji ta' dan il-ktieb li huwa wieħed mill-ftit ġrajjiet polizjeski li għandna bil-Malti, għalhekk issa ma hemmx bżonn intennu liema huma dawk il-bċejjeċ li jagħmlu u jsebbħu l-ktieb, iżda ma nistgħux ma nsemmux li l-intriċċi huma miġbudin bis-sengħa li tħalli lill-qarrej mixtieq dejjem jara x'ġej wara u x'sejra tkun ix-xorti talpersunaġġi li jieħdu sehem filġrajja.

Wara s-suċċess ta' din il-biċċa xogħol konna stennejna li l-awtur jisskota jikteb fuq ġrajja oħra li ltaqa' magħhom id-detektiv Malti u hekk kien joħloq sensiela ta' kotba jew ċirklu fuq dak il-persunaġġ ewlieni. Madankollu hemm imnejn li l-awtur qiegħed jaħdem u jħabbel moħħu biex joħroġ ġrajja oħra. Jekk inhu hekk nixtiqulu kull suċċess.

G.

## G. "DIZZJUNARJU BIJO-BIBLOGRAFIKU NAZZJONALI"

ta' Rob. Mifsud Bonn'ci. Mill-Information Department, Malta — 1960.



Rob. Mifsud Bonnici

Kull pajjiż għandu nies li jagħmlulu ġieh u jgħolluħ fost in-nazzjonijiet l-oħra; dawn huma nies kbar fil-għamil, fid-deher, fil-għerf jew fil-ħsieb; nies li wettqu ħidma ta' ġid li swiet lilhom infushom imma wisq aktar lil għajrhom. Għax il-kobor tal-bniedem jitqies mhux mill-gwadann li jikseb għalih innifsu iżda mill-ġid jew il-fejda li jnissel lil-għajru.

It-tifkira ta' dawn in-nies kbar għandha s-siwi tagħha nazzjonali u internazzjonali. Din it-tifkira hija ta' fejda nazzjonali għax hija rahan tal-kobor tal-pajjiż u tħeġġeġ in-nies biex bil-ħidma u bit-tħabrik ma jonqsux lin-nies il-kbar ta' qabilhom. Il-fejda internazzjonali titnissel malli nazzjonijiet oħrajn isiru jafu l-ħidma li wettqu nies kbar u prominenti u hekk aktar tissaħħaħ ir-rabta u l-ħbiberija fost il-ġnus.

Għalhekk jistħoqqlu tifħir lis-Sur Robert Mifsud Bonnici li ndaħal biex jiġbor damma ta' ħajjiet ta' nies kbar Maltin u jippubblikahom f'dizzjunarju ta' utilità kbira għalina l-Maltin u għall-barranin li jixtiequ tagħrif fuqna u fuq nisilna.

Is-Sur Robert Mifsud Bonnici hu kittieb prolifiku patrijott, studjuż ta' l-istorja ta' artna u ammiratur tan-nies kbar Maltin. Ried ikun hu biex jindaħal għal biċċa xogħol kolossali bħal din, biċċa xogħol li barra minn Malta qajla ssib minn jidħol għaliha bniedem waħdu.

Jekk niflu sewwa din l-opra nsibu li l-awtur mexa fuq is-sistema modern fil-ġabra tiegħu u fil-manjiera li ittratta dwar persunaġġi msemmijin minnu. Fit-tagħrif biblijografiku tiegħu, hu ma ntilifx f'ħafna dittalji fiergħa, iżda żamm kemm sata' fuq dak li hu ta' interess jew ta' tagħlim u fuq kollox għamel attenzjoni kbira biex dak li jikteb ikun veru u eżatt. Għalhekk lill-awtur ħtiġulu ħafna riċerki u konsulti u taqlib ta' kotba u tiftix ta' dokmenti u qari ta' manuskritti u ġiri u taħbit. Dan kollu biex din il-biċċa xogħol isseħħ utli u ta' min jorbot fuqha. Milli jidher id-dizzjunarju jħaddan lil kull min jistħoqqlu xi tifkira u ma jinsa lil ħadd; forsi wkoll isemmi nies li l-kobor tagħhom hu limitat.

Fid-dizzjunarju hemm imniżżlin persunaġġi mejtin u ħajjin, x'uħud minn dawn ta' l-aħħar huma mżejnin b'tagħrif aktar fit-tul; dan ma jistax jonqos għax hu aktar faċli tiġbor tagħrif dwar nies li għadhom ħajjin. Osservajna wkoll li persunaġġi ħajjin prominenti li jappartienu lil ċerta professjoni ssemmew ftit wisq; dan jista' jkun minħabba xi raġuni ta' etiketta professjonali, iżda aħna jidhrilna li fejn jindaħal il-ġid u l-ġieħ tal-pajjiż l-ebda etiketta ma tfixkel.

# ulied ta' l-azzar

**Ir-Rumanz Rebbieħ ta' l-Ewwel Premju fil-Konkors tar-Rediffusion**

Jinsab għall-bejgħ għand dawn il-Librara:

A.C. Aquilina & Co.
Giov. Muscat
Cordina's Emporium.